**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA SEKONDARJA 20**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

StudentBounty.com

**IT-TIENI SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ________________________ **Klassi:** __________

**Taqsima A** **(10 marki)**

Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.

1. Jekk naħsbu li ħadd ma jista' jikkoreġina, inkunu (umli, suppervi, kattivi).
2. Biex niżviluppaw lilna nfusna u nikbru fil-maturità għandna bżonn (il-flus, il-kotba, lil xulxin).
3. Biex l-oħrajn ikollhom fiduċja fina, hemm bżonn li nkunu dejjem (sinċieri, puliti, daħkana).
4. Is-servizz tal-għajnuna lill-foqra u lill-morda mill-Knisja nsejħulu (karità, negozju, tberbiq).
5. Il-kliem 'qsim tal-ħobż' fl-Atti tal-Appostli jfisser (ikel ta' kuljum, il-mediċina, il-quddiesa).
6. Id-dar tal-familja t'Alla hi (il-Knisja, id-dar fejn ngħixu, il-ġenna).
7. Fil-klassi nitgħallmu r-Reliġjon biex (inġibu ħafna marki, nikbru fit-triq it-tajba, nirbħu premju) u nsiru Nsara tajbin.
8. Meta nitolbu flimkien, (nersqu aktar lejn Alla, nitgħallmu t-talb bl-amment, kulħadd jinduna li aħna bil-għaqal).
9. Biex nibnu grupp magħqud li fih verament ikun hemm ftehim, irridu nkunu kapaċi (nikkmandaw, ninsistu li tgħaddi tagħna, naħfru lil xulxin).
10. Dawk li mietu ħbieb ma' Alla nsejħulhom (qaddisin, eremiti, saċerdoti).

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima B** (2

Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet.

***San Pawl, San Luqa, San Pietru, fid-Dar tal-Providenza, Madre Tereża, San Ġorġ Preca, Mons. Ġużeppi Depiro, Caritas, Ursolini, San Ġwann Bosco.***

1. _______________ kien ma' San Pawl meta ġie Malta.
2. L-ewwel parti tal-Atti tal-Appostli titkellem fuq il-ħidma ta'____________.
3. _______________ jissejjaħ 'l-Appostlu tal-Ġnus'.
4. Il-Knisja f'Malta tieħu ħsieb persuni bi bżonnijiet speċjali _______________.
5. _______________ ħadmet mal-ifqar fost il-fqar fl-Indja.
6. Is-soċjetà tal-Museum bdieha __________________ biex ixerred it-tagħlim tal-katekiżmu fost il-kbar u t-tfal.
7. _______________ hu qassis Malti li ħa ħsieb it-tfal orfni u l-Maltin emigrati f'pajjiżi oħra.
8. Lil dawk li jaqgħu fil-vizzju tad-droga f'Malta l-Knisja tgħinhom permezz tal- ______________ .
9. It-tfal orfni jieħdu ħsieb irabbuhom is-sorijiet tal- ____________________ .
10. Ġo Turin fl-Italja _________________ ħa ħsieb it-tfal u ż-żgħażagħ l-aktar abbandunati.

**Taqsima Ċ** **(10 marki)**

Il-Quddiesa

Ikteb sentenza biex tfisser x'qiegħed jiġri f'dawn il-mumenti differenti tal-quddiesa. L-ewwel waħda ngħatat bħala eżempju.

| | | |
|---|---|---|
| 1 | "Mulej, ħniena" | Nitolbu 'l Alla maħfra ta' dnubietna. |
| 2 | Talb tal-fidili | |
| 3 | Il-konsagrazzjoni | |
| 4 | Nagħtu l-paċi | |
| 5 | It-tqarbin | |
| 6 | Il-'Missierna' | |

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima D** (2

Fisser dawn is-siltiet.

1. "Aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina." *(mill-'Missierna')*

2. "Kulma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi." *(Mt 25, 4)*

3. "Mela jekk jien, il-Mulej u l-Imgħallem, ħsiltilkom saqajkom, hekk intom għandkom taħslu saqajn xulxin."*(Ġw 13, 14)*

4. "Lil Stiefnu qabdu jħaġġruh, imbagħad niżel għarkupptejh u għajjat b'leħen għoli: "Mulej, tgħoddulhomx dan id-dnub." *(Atti 7, 59-60)*

5. "Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu."*(Mt 29, 19)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima E** (2

StudentBounty.com

Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

"Meta wasal Għid il-Ħamsin, huma kienu lkoll flimkien f'post wieħed. F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom. Intlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skont ma l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu.
F'Ġerusalemm kien hemm xi Lhud, nies twajba minn kull nazzjon li hawn taħt is-sema. Malli nstema' dan il-ħoss, inġabret kotra kbira, ilkoll imħawdin għax kull wieħed minnhom kien jismagħhom jitkellmu bl-ilsna tiegħu." *(Atti 2, 1-6)*

1. Minn liema ktieb tal-Bibbja hi meħuda din is-silta? ___________________
2. Min kiteb dan il-ktieb? ________________________________________
3. Din il-ġrajja seħħet qabel jew wara li Ġesù tela' s-sema?________________
4. X'instema' f'daqqa waħda fil-post fejn kienu qegħdin l-Appostli?

   ____________________________________________________________

5. X'deher fuq kull wieħed minnhom?

   ____________________________________________________________

6. X'għamlu mill-ewwel l-Appostli hekk kif intlew bl-Ispirtu s-Santu?

   ____________________________________________________________

7. Għaliex tħawdu dawk li bdew jisimgħu l-Appostli jitkellmu?

   ____________________________________________________________

8. Għaliex din il-ġrajja hija importanti għall-Knisja?

   ____________________________________________________________

9. Fisser kif fil-miġja tal-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli ġara bil-maqlub ta' dak li ġara f'Babel?

   ____________________________________________________________

10. Int meta rċevejt l-Ispirtu s-Santu?

    ____________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**<u>Taqsima F</u>** **(2**

StudentBounty.com

**Madre Tereża kienet mara meqjusa bħala l-aqwa appostlu tal-fqa żmienna.**

a. Ikteb SITT sentenzi fuq il-ħajja tagħha u x-xogħol li għamlet.

b. X'tista' tagħmel int
- fid-dar
- fost il-ġirien
- fl-iskola
- ma' sħabek

biex tagħmel bħal Madre Tereża?

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**TMIEM IL-KARTA**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers